IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 38

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm) nhar **il-Ħamis 29 ta' Lulju 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**38.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

38.1.1 Is-Sur Jason Portelli talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

38.1.2 Is-Sur Trevor Mizzi talab biex ikun skużat għall-bidu tal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol u kellu jattendi aktar tard. Apoloġija approvata.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

38.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 37 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**38.3 Korrispondenza**

38.3.1 Preżentata ittra għal '*No Objection'* għall-attivitajiet li se jsiru fil-Pjazza tal-Birgu mill-għaqdiet tal-Festa ta' San Lawrenz nhar is-7, 8 u 9 ta' Awwissu 2021. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

38.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Marcella Agius mill-*GreenMT* dwar il-bdil tal-ġurnata li jinġabar il-ħġieġ. Dan se jibda jinġabar it-Tlieta flok il-Ġimgħa tal-ewwel ġimgħa tax-xahar. Is-Sindku wieġeb din il-korrispondenza u qal li għalkemm ma jsib ebda oġġezzjoni, jixtieq li l-ġabra ssir darbtejn f'xahar mhux darba.

38.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Pirjol Aaron Zahra dwar l-ittra li ntbgħatet mill-Kunsill lir-residenti ta' Triq il-Kan. Alwiġ Fenech, dwar il-laqgħa li ssejħet mill-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl li kellha ssir fil-Kunvent tad-Dumnikani, liema laqgħa l-kunsill ma kienx se jkun preżenti. Is-Sindku wieġeb l-ittra tal-Pirjol b'ittra lura u spjegalu li l-Kunvent tal-Lunzjata ma ddaħħal fl-ebda kontroversja filwaqt li esprima l-ħsieb għala l-kunsill ma ġiex avviċinat mill-bidu dwar l-ippjanar ta' din il-laqgħa. Il-kunsill ġie infurmat biex jattendi wara li kollox kien diġà mfassal.

38.3.4 Preżentata korrispondenza mis-*Centre for European Volunteering* dwar it-tħabbira tal-erba' kandidati għall-*European Volunteering Capital 2023*, fejn il-Birgu qed jirrappreżenta lill-Malta fost l-erba' kandidati Ewropej.

38.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Ruben Abela minn Heritage Malta bl-istima tal-ispejjeż tax-xogħlijiet li hemm biex is-sala ż-żgħira ta' fuq fil-Berġa ta' Franza tkun restawrata wkoll. Din l-istima ġiet aċċettata minn Heritage Malta u għalhekk se tkun qed tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tar-restawr kif preżentati mill-Kunsill.

38.3.6 Preżentat *Memorandum of Understanding* iffirmat bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u *Centre for European Volunteefing* (CEV) dwar l-applikazzjoni għall-kandidatura tal-Birgu għall-għoti tat-titlu ta' *European Volunteering Capital 2023*.

38.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Charlene Cassar mill-Ministeru għall-Enerġija bi spejgazzjoni għala ċ-*-charging pillar* fil-Birgu li se jiġi nstallat fi Triq il-Miratur (il-Mandraġġ), wara li s-Sindku bgħat korrispondenza lura fejn kiteb li xtaq li kieku l-post li ntgħażel kien fl-ewwel parkeġġ ta' Triq Desain sabiex ikun aktar ċentrali.

38.3.8 Preżentata korrispondenza dwar il-proġett taħt il-fondi tal-Unjoni Ewropeja *Active Debate of Citizens: they are the Heritage for the European Future*. L-ewwel laqgħa ta' dan il-proġett se ssir fil-Polonja bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru 2021.

38.3.9 Preżentati l-ismijiet ta' ħames żgħażagħ mill-Birgu fl-età ta' bejn it-18 u l-25 sena għall-Youth Exchange li se ssir f'Villafranca Tirrena fl-Italja f'Novembru 2021. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-għażla tal-parteċipanti li magħhom se jkun hemm ukoll il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi.

38.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Francelle Caruana mill-Awtorità tat-Turiżmu dwar il-ġibjuni li hemm taħt il-Pjazza tal-Birgu sabiex dawn jiġu diskussi wkoll mal-proġett tal-pjazza. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-istess awtorità se tkun qed iddaħħal l-applikazzjoni għar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Birgu mal-Awtorità tal-Ippjanar fiż-żmien li ġej.

38.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jean Pierre Gelac għan-nom tal-kunsill ta' Parisot fejn dawn qablu li minħabba s-sitwazzjoni tal-

pandemija, il-ġemellaġġ bejn il-Birgu u Parisot isir lejn Mejju tas-sena 2022. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma din il-proposta.

38.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Josianne Muscat Direttur minn Ambjent Malta fejn qed tipproponi li jsir ilqugħ tal-ħadid mas-siġar il-kbar li jdawwru l-grawnd tal-Fortini min-naħa tal-iskola Lorenzo Gafà sabiex jiġu evitati xi inċidenti. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

38.3.14 Preżentati ritratti tal-bukketti li saru għall-Festa ta' San Ġużepp fil-Kalkara. Is-Sindku qal li ħadd ma kien infurmat biex xi ħadd mill-kunsill jattendi għall-quddiesa tal-Festa.

38.3.15 Preżentat invit għall-Akkademja Mużikali nhar l-1 ta' Awwissu fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-pittura u d-dekorazzjoni tal-koppla tal-Parroċċa u Kolleġġjata ta' San Lawrenz.

38.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lid-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard dwar il-problema tan-nuqqas ta' Segretarju Eżekuttiv full-time mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

38.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Lawrence Zahra għan-nom tas-Soċjetà Storiko Kulturali Vittoriosa dwar il-proposta biex jinbena t-Torri tal-Arloġġ flok il-bini li kien iservi ta' Azzjoni Kattolika għal-irġiel fil-Pjazza tal-Birgu u jiġi amalgamat mal-Mużew tal-Parroċċa. L-istess soċjetà qed titlob laqgħa mal-kunsill sabiex tiġi diskussa din il-possibilità. Is-Sindku qal li hu jsostni l-punt li t-torri jew jinbena fejn kien oriġinali jew ma jinbena xejn. Is-Sindku qal ukoll li xorta waħda se jikkorrispondi mas-Soċjetà Storika sabiex jiltaqgħu.

38.3.18 Preżentata Direttiva 1/2021 dwar il-proċedura tal-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li permezz ta' din id-direttiva, issa tista' toħroġ is-sejħa sabiex jiġi ngaġġat Segretarju Eżekuttiv full-time.

38.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jonathan Bonello, propjetarju tal-ħanut ta' Cafè du Brazil sabiex ikun jista' jġib persuna/i għall-entertainment bejn it-8pm u l-10pm nhar it-30 ta' Lulju 2021. Is-Sindku qal li hu ma jsib ebda oġġezzjoni u infurmah li din kellha tkun deċiżjoni tal-kunsill u barra min hekk, ried isir risk assessment kif mitlub mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

38.3.20 Preżentati ritratti u stima ta' tmien (8) siġġijiet għas-sala ż-żgħira ta' fuq tal-Berġa ta' Franza. Dawn is-siġġijiet se jinxtraw mid-donazzjonijiet li jiġbor is-Sindku. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

38.3.21 Preżentata ittra mibgħuta mill-Avukat Carina Nagiah għan-nom tas-Sur Colvin Duca, ex-impjegat tal-kunsill. Is-Sindku qal li nforma lill-Avukat David Bonello dwar din l-ittra u talbu jwieġbu u jiċċekja x'kumpens qed jitlob is-Sur Duca kif mitlub fl-ittra li bgħat l-Avukat li qed jidher għalih. Il-kunsilliera qablu unanimament li jekk il-kumpens ma jkunx wieħed esagerat, jitħallas sabiex din il-kwistjoni tinqata' darba għal dejjem.

38.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gorg D'Anastasi dwar Mobile Phone Application għall-kunsill lokali. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li nipproċedu.

38.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Rebecca Zammit f'isem is-Servizzi Ewropej f'Malta dwar il-proġett li ġie diskuss bejnha u bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv dwar il-volontarjat. Is-Sindku spjega li jrid jingħaqad grupp ta' żgħażagħ, mhux inqas minn ħamsa (5) sabiex jiġi maħluq proġett li jiġi ffinanzjat mill-*European Solidarity Corps Programme* u jagħti ftit imbuttatura lis-settur tal-volontarjat wara nuqqas ta' diversi attivitajiet minħabba l-pandemija. Dan il-grupp ta' żgħażagħ imexxi l-proġett taħt il-kappa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li jsir dan il-proġett.

38.3.24 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Robert tabone mil-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali dwar sejħa għall-applikazzjonijiet għal żjarar f'lokalitajiet barranin minn kunsilliera u l-istaff amministrattiv iffinanzjati taħt l-Erasmus+.

38.3.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Rodnick Abdilla dwar laqgħa li s-Sindku kellu mas-Sur Abdilla, it-Toqba tal-Birgu (Sally Port) dwar iż-żona tal-għawwiema u ż-żona li fiha se jkunu rranġati l-mażri li hemm mifruxin bħalissa fl-istess żona. Is-Sindku qal li dawk il-mażri mingħajr permess se jitneħħew filwaqt li l-oħrajn li tpoġġew mingħajr permess, se jitneħħew u b'hekk kollox jiġi regolarizzat kif suppost.

38.3.26 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Joseph Abela sabiex tingħata għajnuna lill-kunsill sabiex il-ġibjuni li hemm taħt il-Pjazza tal-Birgu jiġu mnaddfa u jintużaw għall-ħażna tal-ilma. Is-Sindku qal li għalissa m'hemmx fondi allokati sabiex isir dan ix-xogħol wara li diġa sar xogħol fuq wieħed mill-ġibjuni prinċipali li hemm taħt il-Pjazza. Is-Sindku spjega kif il-kunsill se jingħata għajnuna sabiex jirranġa u jnaddaf il-ġibjun li hemm fil-Berġa ta' Franza sabiex dan jibda jaħżen l-ilma tax-xita wkoll.

38.3.27 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Viċi-Sindku dwar il-problemi li qed jaffaċjaw l-għawwiema u n-nies li jmorru jistadu taħt il-blat li hemm taħt il-mansions ta' fejn Sant'Anġlu fuq in-naħa tat-Toqba. Is-Sindku qal li l-poġġaman tal-ħadid se jsir biex tiġi mħarsa s-saħħa ta' dawk li jgħaddu minn din il-parti peress li hija xi ftit jew wisq perikoluża.

38.3.28 Preżentata korrispondenza bejn is-Sindku u s-Sinjura Tracey Sammut għan-nom ta' Openworkstudio dwar ix-xogħlijiet li se jsiru fid-dar għall-ħabsin fi Triq il-Kan. Luwiġi Fenech. Is-Sindku bgħat ittra lis-Sinjura Sammut wara li daħlet email b'ritratti tat-triq mimlija żejt fuq l-imprint concrete li niżel minn trakk li daħal jagħmel xi xogħol f'din id-dar. Is-Sindku qal li hu talab lis-Sinjura Sammut tieħu ħsieb tavża lill-kuntrattur inaddaf il-ħmieġ taż-żejt u titlob permess lill-kunsill kif inhi l-proċedura normali, qabel ma jinġieb xi makkinarju fit-triq biex jagħmel xi xogħol, liema makkinarju jkun irid jieħu post il-qsari li hemm fit-triq li diġà kienu tneħħew mingħajr permess.

38.3.29 Preżentat il-Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u Optimist Club of Malta li se joffru għajnuna lill-istudenti tal-Birgu biex jagħmlu x-xogħol tal-iskola fil-Berġa tal-Ingilterra minn Settembru 'l quddiem.

38.3.30 Preżentat l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta' Ġunju. Il-kunsilliera preżenti approvawh unanimament.

**N.B. 19:02 – Il-Kunsillier Trevor Mizzi ngħaqad fil-laqgħa u l-Kunsillier Anton Gellel talab biex ikun skużat.**

**38.4 Proġett tal-Pjazza tal-Birgu**

38.4.1 Is-Sindku qal li kif diġà spjega qabel, instabu tlett ġibjuni oħra taħt il-pjazza u li għalihom qed jitlob għajnuna sabiex dawn ikunu restawrati.

38.4.2 Is-Sindku talab lill-kunsillier Trevor Mizzi sabiex jekk hu possibli, jirranġa laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli sabiex tiġi diskussa l-possibilità għal għajnuna finanzjarja għar-restawr tal-ġibjuni l-oħra. Is-Sindku qal li l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma li ffinanzjat ix-xogħol tal-ġibjun tal-pjazza, tista' talloka biss għoxrin fil-mija tal-ispejjeż tar-restawr tal-ġibjuni l-oħra liema persentaġġ mhux biżżejjed.

38.4.3 Il-Kunsillier Trevor Mizzi propona li la darba se jkun hemm wieħed mill-ġibjuni funzjonabbli u se jkun qed jaħżen l-ilma fih, ikun tajjeb li fil-proġett jiġu inklużi pillars għat-tifi tan-nar madwar il-Pjazza għal xi emerġenzi.

38.4.4 Is-Sindku qal lise jitlob lis-Sur Kevin Fsadni mill-Awtorità tat-Turiżmu sabiex mal-proġett tal-Pjazza tal-Birgu, jiġi inkluż proġett li jara tibdil fil-gallariji u twieqi tal-binijiet li jdawwru l-pjazza, liema binjiet għandhom gallariji jew twieqi tal-aluminium jew tal-ħadid. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**38.5 Proġett tal-Belveder fi Triq La Vallete (Is-Simenta)**

38.5.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-fondi li ġew mitluba sabiex ikun finanzjat dan il-proġett għall-ispejjeż li ser jagħmel il-kunsill, ġew approvati fit-totalità tagħhom. Il-kunsill se jkun qed jixtri bankijiet ġodda, planters, bins u tibdil fis-sistema tad-dawl kif ukoll bdil tal-bozoz taż-żona li se jkunu kollha LEDs.

**38.6 Proġett tal-Glażiż**

38.6.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-proġett propost ġie mressaq quddiem Ambjent Malta u jinsab fil-proċess li jiġi approvat. Fadal biss pendenti l-kwistjoni tal-bridge mill-Glażiż għall-iskola sabiex ikun hemm aċċess għall-istudenti biex jużaw il-ġnien u l-ispazju miftuħ skont il-bżonn.

**38.7 Xogħlijiet fil-Berġa ta' Franza**

38.7.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-bejt lest u b'hekk issa hemm liquid membrane ġdid bħala protezzjoni tas-saqaf.

38.7.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li t-tender tal-panelli issa ġie magħluq u ntagħżlet l-irħas offerta tal-kumpanija Renergy.

**N.B. 19:45 – Il-Kunsillier Anton Gellel reġa' ngħaqad fil-laqgħa.**

**38.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

38.8.1 Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li fil-kantuniera kif toħroġ mill-Ħawli, faċċata tal-kumpless sportiv tal-Kottonera, qed jipparkjaw il-karozzi fil-kantuniera bil-konsegwenza li min ikun ħiereġ mill-Ħawli, ma jkunx jista' jara hux ġejjin xi karozzi. Is-Sur Mizzi staqsa hux possibli li jsir bollards tal-plastic fil-kantuniera. Is-Sindku qal hemmhekk hemm diġà l-linji sofor u mera fil-faċċata.

38.8.2 Il-Kunsillier Anton Gellel staqsa lis-Sindku dwar il-pjanta tal-latrina pubblika li se ssir it-Toqba (Sally Port) hekk kif din tidher li ġejja iżgħar minn dik

preżenti. Is-Sindku qal li se jiltaqgħa fil-post mal-Perita sabiex jaraw ix-xogħol li hemm għaddej dwar din il-latrina.

38.8.3 Il-Kunsillier Anton Gellel talab lis-Sindku biex tittieħed azzjoni dwar il-ħafna dwal madwar il-Birgu li hemm mitfi, liema dawl kien installat mal-proġett tal-pavimentar. Fost dan id-dawl hemm dak ta' mal-Knisja ta' San Lawrenz li huwa ikrah ħafna peress li hemm minnu mitfi u ieħor iteptep. Is-Sur Gellel qal li hemm bżonn li ssir laqgħa mal-Perita Amanda De Giovanni sabiex id-Dipartiment tar-Restawr jagħmel tajjeb għall-ħsarat li hemm fid-dawl qabel ma' ġie ffirmat il-kuntratt mal-kunsill, kif filfatt kien maqbul waqt laqgħa bejn iż-żewġ partijiet. Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jinforma lis-Sur Dylan Portelli sabiex jordna kwantità żgħira ta' dawl ġdid biex jinbidel ma' dak li hemm bil-ħsara peress li dan id-dawl jiswa' l-flus u l-fondi allokati mhumiex biżżejjed sabiex tissewwa' l-ħsara kollha. Id-dawl li għalissa għandu jinbidel huwa dak tal-Knisja ta' San Lawrenz, tal-faċċata tal-Każin tal-Banda ta' San Lawrenz u l-istatwa tal-pjazza ta' San Lawrenz ukoll.

38.8.4 Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju sabiex jiġi konkluż il-kuntratt mas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz dwar il-garaxx tal-Ħawli kif ukoll il-kuntratt li għandu jiġi mħejji mill-Avukat David Bonello dwar iż-żona wara l-grawnd tal-Fortini għall-Padel Court li se jsir mill-Vittoriosa Stars F.C.

38.8.5 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-Bring-in sites madwar il-Birgu bdew jinbidlu u għalkemm mhumiex ġodda kif talab il-kunsill, dawn huma akbar fid-daqs.

38.8.6 Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju biex jinforma lill-Kunsillier Jason Portelli biex jieħu ħsieb li għal Pink October Couvre Port u Bieb is-Sultan jinxtgħelu bil-kulur roża. Għal bieb is-Sultan, is-Sindku kellu jinforma wkoll lis-Sur Mario Farrugia.

38.8.7 Il-Kunsillier Trevor Mizzi talab lis-Sindku biex wara li jitlesta l-proġett tat-Toqba (Sally Port) issir *spring-board* fiż-żona tal-għawwiema sabiex żgħażagħ u tfal ikunu jistgħu jużawha biex jaqbżu minnha, simili ta' dik li kien hemm fil-passat fl-istess żona. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

38.8.9 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li jekk hu possibli, matul ix-xhur li jsir l-armar tal-Festi, isir qbil mal-Vittoriosa Stars sabiex il-volontiera li joqgħodu barra 'l Birgu, jkollhom permess jipparkjaw fil-grawnd u jifrankaw li jdabbru xi ċitazzjoni

kif diġà seħħ fuq diversi volontiera. Is-Sindku qal li din hija idea tajba u tista' tidħol fis-seħħ is-sena d-dieħla peress li issa iż-żmien daħal sew.

38.8.10 Il-Kunsillier Anton Gellel staqsa lis-Sindku f'liema stadju jinsab ix-xogħol fuq il-bandli. Is-Sindku qal li bħalissa x-xogħol jinsab wieqaf għax ġie infurmat li l-ħaddiema tax-Xogħlijiet Pubbliċi jinsabu fi bnadi oħra. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ikun ta' spiża kbira fuq il-kunsill kieku kellu jsir minn xi kuntrattur.
38.8.11 Rigward Jum il-Birgu, ġie deċiż li l-quddiesa li se ssir fil-Knisja tal-Lunzjata ssir nhar it-Tlieta 7 ta' Settembru, fil-jum propju. Kien approvat ukoll li l-Kanonku Dun Stephen Attard jagħmel id-diskors tal-okkażjoni.

38.8.12 Għal Jum il-Birgu ġie propost li l-Ġemellaġġ mar-raħal ta' San Lawrenz Għawdex, isir is-Sibt jew il-Ħadd ta' qabel is-7 ta' Settembru. Is-Sindku kellu jieħu ħsieb jikkomunika mas-Sindku ta' San Lawrenz.

38.8.13 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li jkun xieraq li l-Kunsill jagħti tifkira lill-Komunità Dumnikana nhar il-Festa ta' San Duminku fl-okkażjoni taċ-ċentinarju. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**38.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 28** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6032** sa **BOV 6048, HSBC9811** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**38.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 24 ta` Awwissu 2021 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **24 ta' Awwissu 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |